TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 120/11

**Joseph Callus**
**vs**
**Melita plc**

Illum 31 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Marzu, 2011 fejn ir-rikorrenti talab li ma jħallasx il-prezz ta' disa' mija u ħames ewro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€905.81), rappreżentanti kontijiet ta' servizz ta' żewġ *mobile phones*.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien daħal f'pakkett ta' żewġ servizzi ta' *mobile phones* bil-kundizzjoni li jibqa' sottoskritt għas-servizz għal ħmistax-il xahar u li wara ftit il-*mobile phones* kellhom *reception* ħażina u ċempel sabiex jinqata' u ma jkomplix bis-servizz, u d-ditta intimata xorta baqgħet tiċċarġjah.

Is-soċjeta' intimata ntavolat Kontro-Talba għall-ammont ta' elf, mija u wieħed u għoxrin ewro, u erbgħa w erbgħin ċenteżmi (€1,121.44).

Is-soċjeta' intimata sottomettiet illi r-rikorrenti għandu jħallas l-ammont ta' elf, mija u wieħed u għoxrin ewro, u erbgħa w erbgħin ċenteżmi (€1,121.44) għax għamel użu mis-servizzi u kif ukoll il-prezz tal-*mobile phones* li ma ġewx irritornati.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti baqa' juża s-servizzi tat-*telephone* u ma ħallasx, u b'hekk ir-rikorrenti għandu jħallas għal *usage* u għal *handsets*. Pero` t-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata ikkanċellatlu s-servizz.

It-Tribunal jinnota illi s-servizz baqa' għaddej għalkemm kien hemm ilmenti fuqu u l-*mobile phones* inżammu għand ir-rikorrenti.

It-Tribunal jinnota wkoll illi s-soċjeta' intimata kellha raġun twaqqaf is-servizz għax ma kinitx qegħda titħallas.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, għar-raġunijiet li ma kienx hemm servizz tajjeb, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, b'dan illi r-rikorrenti m'għandux iħallas il-mitejn u sitta u sittin ewro, u ħamsin ċenteżmi (€266.50), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**